MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 565/2008

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited.**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l- Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b' digriet tat-18 ta' Gunju 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta esportatrici K.B. INT'L COMPANY LTD u lill-kunsinjatarju OPTIMA/P.C. MBMT.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Sony

Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited datat 2 ta' Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks u Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-seba u ghoxrin (27) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000000472 (Dok "SC1") u s-socjeta` rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks u Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea: il-kelma 'PlayStation', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sbatax (17) ta' Dicembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 006522916 (Dok SC2).

Illi fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9518678 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM JASMIN liema *container* kien fih numru li ghad irid jigi stabbilit mill-Kontrollur tad-Dwana ta' *playstation controllers* kollha bil-marki 'SONY' u 'PlayStation', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-*playstation controllers* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kliem 'SONY' u 'PlayStation' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited;

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Doks SC3) sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa OPTIMA/P.C. MBMT minn Tunis, Tunisia u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru SZ1416190 (Dok "SC4");

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw il-jeddijiet taghhom;

Illi ghalhekk l-istess socjeta attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*playstation controllers* li fuqhom hemm l-kliem 'SONY' u 'PlayStation' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9518678 kontenenti l-imsemmija *playstation controllers*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-seba u ghoxrin (27) ta' Lulju 1998 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 000000472 (Dok "SC1"), u tas-socjeta` rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited fir-rigward tat-*trademark* taghha : il-kelma 'PlayStation', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sbatax (17) ta' Dicembru 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM

006522916 (Dok “SC2”) u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *playstation controllers* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk *playstation controllers*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija *playstation controllers* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *playstation controllers*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentatat tar-rikorrenti *nomine* a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) u erba’ dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. “SC 1” sa Dok. “SC 4” kif jidhru a fol. 6 sa fol. 12 tal-process.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Gunju 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2008, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat il-pubblikazzjonijiet kollha relattivi nkluzi dawk fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali.

Rat li l-istess kuraturi deputati gew debitament notifikati fis-7 ta' Ottubru 2008.

Rat il-verbali tas-seduti datati 5 ta' Novembru 2008 u tat-12 ta' Frar 2009 fejn fl-ahhar seduta dehru d-difensur tas-socjetajiet attrici u l-kuratur deputat Dr. Martin Fenech li rremettew ruhhom ghall-atti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-24 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9518678 li dahal gewwa l-Port Hieles ta' Marsaxlokk fuq il-vapur CMA CGM JASMIN fil-25 ta' April 2008, liema *container* kien fih 4,050 Sony *playstation controllers, 290 accessorji ta' Sony Playstation, 300 laser pick up heads, u 300 Sony MP3/4* kollha bil-marki 'SONY' u 'PlayStation', u dan ghaliex *prima facie* l-istess oggetti dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu foloz u b'hekk jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali u dan kollox kif jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 24 ta' Novembru 2008 (fol. 39).

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess socjeta attrici hija proprjetarja tal-markji "SONY" u "Playstation" debitament registrata hawn Malta (Dok. "SC1" u Dok. "SC2") u jirrizulta wkoll li l-oggetti imsemmija attwalment mizmuma mill-Kontrollkur tad-Dwana huma kontraffatti kif jidher mill-ezamijiet li saru

fuq l-istess skont rapport datat 31 ta’ Ottubru 2008 (Dok. “SG1” - fol. 28) u ikkonfermat mill-affidavit tal-attur *nomine* datat 21 ta’ Novembru 2008 (fol. 38) u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontradetti. Ghal din ir-raguni t-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi, billi tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’*playstation controllers* li fuqhom hemm il-kliem ‘SONY’ u ‘PlayStation’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 9518678 kontenenti l-imsemmija *playstation controllers*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-seba u ghoxrin (27) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 000000472 (Dok “SC1”), u tas-socjeta` rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited fir-rigward tat-*trademark* taghha : il-kelma ‘PlayStation’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fis-sbatax (17) ta’ Dicembru 2007 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 006522916 (Dok “SC2”).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) il-gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawk il-*playstation controllers* u l-oggetti kollha fuq indikati li huma kontrafatti u dan f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tas-

socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija *playstation controllers* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *playstation controllers*.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet u entitajiet konvenuti/intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------